# LOT

Iben Haran u n-neputi ta’ Abraham. Huwa ghaddha l-part kbira ta’ hajtu ma’ zijuh Abraham. Akkumpanja lil Abraham minn Ur ghal Haran u aktar tard ghal Kanan**. “U Terah qabad lil ibnu Abram, lil Lot bin Haran, jigifieri bin ibnu, il-kunjata Saraj, mart ibnu Abram, u telaq bihom minn Ur tal-Kaldin lejn l-art ta' Kanghan; u waslu Haran u baqghu hemm.” (Genesi 11:31).**

Eventwalment huma infirdu minn xulxin, b’Lot iwaqqaf daru gewwa Sodoma fuq art fertili fil-Gordan “**U Lot ghażel l-inhawi kollha madwar il-Gordan u telaq lejn il-lvant; u hekk tbieghdu minn xulxin. Abram baqa' jghammar fl-art ta' Kanghan u Lot beda jghammar ibliet tal-wied u waqqaf l-gherejjex sa Sodoma” (Genesi 13, 11-12).**



Pero’ l-inkwiet ma tbeghidtx minn Lot ghaliex Lot kellu jhabbat wiccu ma’ sfortuna kbira meta safa maqbud minn reijiet ostili u l-gid tieghu kollu misruq. “**U l-ghadu qabad il-gid kollu ta' Sodoma u Gomorra u l-ikel taghhom kollu, u telqu. Huma u sejrin hadu lil Lot ukoll, bin hu Abram, b'gidu kollu, ghax hu kien joqghod f'Sodoma.” (Genesi 14, 11-12)**

Imma zijuh Abraham gabar il-qawwiet kollha tieghu u heles lil neputih u mill-gdid akkwista dak li kien insteraqlu**. “Malli Abram sema' li 'l huh kienu haduh ilsir, hareg bin-nies imharrga tieghu, nies imwielda f'daru, tliet mija u tmintax-il ruh, u ghamel ghal warajhom sa Dan.Hemm qassam in-nies tieghu billejl, hu u l-qaddejja tieghu, u baqa' jigri warajhom sa Hoba, fuq it-tramuntana ta' Damasku, u ha lura l-gid kollu; gieb lura lil Lot, huh, u l-gid tieghu, in-nisa u n-nies l-ohra.” (Genesi 14, 14-16)**

Imma problema ohra iffaccjat meta Alla ried jeqred lil Sodoma u Gomorra minhabba il-hajja hazina ghal ahhar ta’ l-abitanti. Alla kien jirrispetta lil Abraham u kien minhabba f’hekk li Alla baghat zewgt angli biex jistiednu lil Lot ihalli lil beltu flimkien ma’ martu u uliedu bniet qabel tinzel ix-xita tan- nar u kubrit. Il-mara ta’ Lot injorat l-ordni ta’ l-anglu biex ma tharisx lura u ghaliex kisret l-amar ta’ l-anglu hija saret kolonna tal-melh. “**Malli beda jisbah, l-angli bdew jghagglu lil Lot u jghidulu: Qum, aqbad lil martek u ż-żewgt ibniet tieghek, li hawn mieghek, li ma tinqeridx fil-kastig tal-belt. U beda jitnikker; imma l-irgiel qabduh minn idu, lilu, lil martu u ż-żewgt ibniet tieghu, minhabba l-hniena tal-Mulej ghalih; u harguh, u wassluh 'il barra mill-belt. U malli harguhom 'il barra qalulhom: Ahrab, ghax hemm hajtek fin-nofs. La tharisx**

**warajk u anqas tieqaf imkien f'dawn l-inhawi. Ahrab lejn l-gholjiet li ma tinqeridx. U Lot qalilhom: Le, Sidi. Ara, s'issa sab hniena f'ghajnejk il-qaddej tieghek, u kbira l-hniena li wrejt mieghi biex salvajtli hajti. Imma jiena ma nistax nahrab lejn l-gholjiet bla ma tilhaqni l-hsara u mmut. Ara, hawn din il-belt fil-qrib, ha nistkenn hemm, belt żghira hi. Halli nahrab u nistkenn hemm - m'hix belt żghira? - u nsalva hajti. U wiegbu: Ara jien se naqtaghlek xewqtek f'din il-haga wkoll; m'iniex se neqred il-belt li ghedtli. Fittex ahrab hemmhekk, ghax ma nista' naghmel xejn qabel ma tasal hemm. Ghalhekk semmew dik il-belt Soghar.**

**U x-xemx kienet tielgha fuq l-art, meta Lot wasal Soghar.U l-Mulej baghat ix-xita fuq Sodoma u Gomorra, xita ta' kubrit u nar mis-smewwiet minghand il-Mulej. U qered dawk l-ibliet u l-inhawi kollha ta' madwarhom, u 'l kull min kien jghammar fihom, u l-hdura kollha ta' l-art. U l-mara ta' Lot harset lura, minn warajh, u saret plier tal-melh. U Abraham qam fil-ghodu kmieni u rhielha lejn il-post fejn kien qaghad quddiem il-Mulej. U hares lejn Sodoma u Gomorra, u fuq l-art kollha ta' madwarhom, u ra li kien tiela' duhhan mill-art, bhad-duhhan ta' forn. Meta Alla qered l-ibliet tal-wita, Alla ftakar f'Abraham u hareg lil Lot minn nofs il-qerda, meta qered l-ibliet, li fihom kien jghammar Lot. (Genesi 19, 15 – 29)”**

Sekli wara Gesu’ ghamel referenza ghal dawn il-grajjiet meta wissa lis-semmiegha tieghu li t-tajbin isalvaw u l-hziena jindannaw **"U bħalma ġara fi żmien Noè, hekk ukoll jiġri fi żmien Bin il-bniedem. Kienu jieklu, jixorbu, jiżżewwġu u jżewwġu, sa dakinhar li Noè daħal fl-arka; mbagħad ġie d-dilluvju u qeridhom ilkoll. L-istess bħalma ġara fi żmien Lot; kienu jieklu, jixorbu, jixtru, ibigħu, iħawwlu, jibnu, imma dak in-nhar li Lot ħareġ minn Sodoma, Alla bagħat xita ta' nar u kubrit mis-sema u qeridhom ilkoll. Hekk ikun il-Jum li fih jidher Bin il-bniedem. F'dak il-Jum, min ikun fuq il-bejt u jkollu ħwejġu ġewwa fid-dar, iqis li ma jinżilx jeħodhom; hekk ukoll min ikun fir-raba', iqis li ma jerġax lura. Ftakru fil-mara ta' Lot! "Min ifittex isalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha. Ngħidilkom li, f'dak il-lejl, tnejn ikunu f'sodda waħda: wieħed minnhom jittieħed u l-ieħor jitħalla; żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien; waħda minnhom tittieħed u l-oħra titħalla." Qalulu: "Fejn, Mulej?" U hu weġibhom: "Fejn ikun hemm il-ġisem mejjet, hemm l-isqra jinġabru."**
**(Luqa 17:26-37).**

L-Ammonin u l-Mowabin ghandom in-nisel taghhom gej mill-familja ta’ Lot.